MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 21/2010

**Transmec Services Limited (C-6952)**

**vs**

**Tal-Herba Construction Limited (C-14183)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-26 ta’ Jannar tas-sena 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas l-ammont ta’ sebat elef, erba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u zewg centezmi, (€7,475.02), rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini

mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` intimata mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` intimata;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru tas-sena 2009, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat u bl-imghax legali sal-jum ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal u digriet relattiv datati s-16 ta' Marzu tas-sena 2010, fejn awtorizzat il-korrezzjoni mitluba u fuq gia' indikata;

Rat id-debita notifika tas-socjeta` intimata bir-rikors promotur, liema notifika hi datata d-29 ta' Settembru tas-sena 2010;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta` intimata datat l-10 ta' Novembru tas-sena 2010, li permezz tieghu nfurmat lill-qorti li s-socjeta` intimata ma kienitx qed tikkontesta t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u li effettivament kienet anke qed tammetti l-istess talbiet indirizzati kontra taghha;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti takkolji t-talbiet kollha dedotti mis-socjeta` rikorrenti kontra s-socjeta` intimata u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Tal-Herba Construction Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti Transmec Services Limited s-somma ta' sebat elef, erba' mija u hamsa u sebghin Ewro u zewg centezmi, (€7.475.02), ghar-ragunijiet dedotti u gia' riprodotti aktar qabel;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata s-6 ta' Novembru tas-sena 2009, u tal-mandat ta'

sekwestru kontestwalmentipprezentat kif fuq indikat, u dan, sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------